MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2012

Numru 1026/2008

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca
Spettur Keith Arnaud)

vs

Mario Camilleri (Sr)
Mario Camilleri (Jr)

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputati, missier u iben, ta' karta ta' identita' 320862M u 309292M rispettivament, akkuzati talli fit-22 ta' Ottubru, 2008, ghal habta tad-9.15p.m. gewwa Flat 5, Block 3, Door 2, Triq il-Gzira, Gzira:

(1) hebbew ghal Edgar Borg u kkagunawlu griehi ta' natura hafifa skond kif iccerifika Dr. Paul Mangion M.D. mill-poliklinika tal-Gzira;
(2) volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' nuccali tal-vista, liema hsara ma tiskorrix 1,164.49 Ewro, imma teccedi 116.47 Ewro, liema hsara saret ghad-dannu ta' l-istess Edgar Borg;
(3) filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellhom fuqhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
(4) bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamlu vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' Edgar Borg;
(5) zammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att dwar l-Armi) minghajr ma kellhom licenzja taht l-istess Att;
(6) KONTRA MARIO CAMILLERI (Sr) li rrenda ruhhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gia' gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
(7) KONTRA MARIO CAMILLERI (Jr) talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza datata 27 ta' Frar, 2008, fejn l-istess Mario Camilleri (Jr) kien misjub hati ta' ksur ta' diversi regolamenti tat-traffiku u kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta mill-imputati;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Il-fatti f'din il-kawza huma dawk li stqarr il-kwerelant meta xehed fl-10 ta' Novembru 2008. F'din ix-xhieda jghid li hu pensjonant u lill-imputati ghalkemm gharafhom ma kienx jafhom. Irrefera ghall-incident fejn huma dahlu fuqu wara li kienu cemplu l-qampiena tal-bieb u fetah u wiehed minnhom li gharfu fil-persuna tal-imputat Mario Camilleri (Sr) tah daqqa ta' ponn bil-konsegwenza li kissirlu in-nuccali. Mitlub jispjega c-cirkostanzi jghid illi kienu x'id-9.30 ta' bil-lejl, habbat il-bieb, fetah, u fil-pront l-bieb gie imbuttat 'l gewwa. Kompla li l-imputati zammewh, ghajruh, pero' irnexxilu jisgicca u harab. Stahba wara karozza. Wara, meta hargu l-imputati, fi ftit minuti warajh, mar f'hanut tax-xorb sottostanti fejn jirrisjedi, talab li jigu infurmati l-Pulizija, li gew. Afferma li d-daqqa ta' ponn tahielu l-imputat Camilleri (Sr) u li spejjez tan-nuccali kellu 300 Ewro. Fuq mistoqsija li saritlu kkonferma li fl-appartament tieghu kellu lil Sabrina Camilleri li rrizulta hija bint l-imputat Mario Camilleri (Sr). Dwar l-imsemmija Sabrina qal li kien ilu jafha circa sentejn u kienet tmur tnaddaflu. Stqarr li ma kelliex hin meta kienet tmur. Kien, kemm filghodu u kemm filghaxija. Kienet tmur meta trid. Mill-atti processwali jirrizulta li l-imsemmija Sabrina kellha hawnhekk dsatax-il sena. Semmgha wkoll li Camilleri (Sr) kien hareg xi haga mill-but ta' wara li gharafha bhala pistola. Fl-ahhar tax-xhieda tieghu x-xhud stqarr li kien qed jirrinunzja ghal kull haga li kienet rinunzjabbli.

Ezaminati seriatim l-akkuzi, wara li l-Qorti tippremetti u tghid li, m'ghandhiex l-icken dubbju, li kienu l-imputati li fil-gurnata 'de quo' marru fl-appartament tal-kwerelant fejn apparti hu kien hemm bint l-imputat, tghid:

- fil-konfront tal-ewwel akkuza stante r-rinunzja tiddikjara procediment esawrit;
- fir-rigward it-tieni din tirrizulta fil-konfront ta' Mario Camilleri (Sr) nieqsa izda l-valur tad-dannu billi kif xehed l-istess kwerelant l-hsara kienet tikkomprendi ukoll l-ispiza talli biddel l-lenti. In-nuccali kien wiehed tal-vista;
- dwar it-tielet din tirrizulta biss filli l-imputat Camilleri (Sr) kellu fuq il-persuna tieghu u hareg pistola li mill-provi

irrizultat li hija ‘toy pistol’ voldieri imitazzjoni ta’ arma tan-nar fil-waqt li ghamel reat kontra l-persuna;

- dwar ir-raba’ akkuza din tirrizulta kontra iz-zewg imputati;
- il-hames akkuza ma tirrizultax stante dak li ntqal hawn fuq;
- jirrizultaw is-sitt u s-seba’ akkuza kontra iz-zewg imputati rispettivament.

Tiddikjara ghalhekk l-imputat Mario Camilleri (Sr) hati tat-tieni, it-tielet, r-raba u s-sitt akkuza. Tiddikjara mill-banda l-ohra l-imputat Mario Camilleri (Jr) hati tar-raba’ u s-seba’ akkuza.

Rat ghal fini ta’ piena l-Artikolu 325, 340(d), 17(d)(h), 49 u 50 u 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 55 tal-Kap 480 fil-konfront ta’ Mario Camilleri (Sr) u l-Artikolu 340(d), 49, 50 u 31 tal-kap 9.

Fil-konfront ta’ Mario Camilleri (Sr) billi hi preklusa li taghti xi piena li m’hiex dik ta’ prigunerija effettiva, wara li qieset ic-cirkostanzi, li juru, fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-anzjeta’ ta’ missier ghall-bintu, tiddeciedi li tikkundannah xahar u gurnata prigunerija bit-tnaqqis ta’ zmien li dan l-imputat gia’ ghamel taht arrest preventiv.

Fil-konfront ta’ Mario Camilleri (Jr) tikkundannah multa ta’ 200 Ewro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------